MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Numru. 755/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**CARMELO XERRI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Carmelo Xerri 51 sena bin Joseph u Speranza nee' Galea mwieled fil-Mosta fl-4 ta' Ottubru, 1953 u li joqghod fil-fond bl-isem 'Old Room' Vjal Rihana Burmarrad. Detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 695453(m) gie akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Lulju, 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok CM1 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Carmelo Xerri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Carmelo Xerri ghall-piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett

(3) snin mil-lum l-imputat Carmelo Xerri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Carmelo Xerri ihallas fi zmien xahrejn millum lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' mija u sbatax Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm117.20) bhala spejjez ta' l-espert tekniku AIC Richard Aquilina fl-ammont ta' Lm74.70 u ta' PS 171 Karl Glanville u PC 465 Daniel Abela fl-ammont ta' Lm42.50, liema spejjez gew inkorsi rigward l-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha hu esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok RB1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmelo Xerri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------